MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-11 ta' Awwissu, 2009

Rikors Ta Revoka Numru. 122/2006

Rosie **LEHNER**

vs

Ian **PAĊE**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn Ian Paċe fis-6 ta’ April, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti (a) tħassar għal kollox il-Mandat ta’ Sekwestru hawn fuq imsemmi maħruġ kontrih fil-11 ta’ Jannar, 2006, għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; (b) tikkundanna lill-intimata Rosie Lehner (aktar ’il quddiem imsejħa “l-eżekutanti”) tħallsu penali għall-finijiet tal-artikolu 836(8) tal-istess Kodiċi; u (ċ) li torbot lill-eżekutanti li tressaq garanzija xierqa għall-finijiet tal-artikolu 838A tal-istess Kodiċi fiż-żmien u fis-somma li jogħġobha tistabilixxi l-Qorti, fin-nuqqas ta’ tressiq ta’ liema garanzija, l-Mandat għandu jitħassar;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta’ April, 2006, li bih ordnat in-notifika lill-eżekutanti bi żmien biex tressaq it-Tweġiba tagħha u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tad-19 ta’ April, 2006;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-eżekutanti fit-3 ta’ Mejju, 2006, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet għat-talbiet tal-eżekutat billi qalet li ma hemm l-ebda raġuni tajba għaliex xi waħda minn dawk it-talbiet imissha tintlaqa’, l-iżjed għaliex l-istess ilmenti li qiegħed iqajjem f’din il-proċedura kien diġa’ semmihom qabel u kienu ġew argumentati quddiem il-Qorti li ordnat il-ħruġ tal-Mandat. Iżżid tgħid li l-bdil waħdieni fiċ-ċirkostanzi li seħħ wara li kien inħareġ il-Mandat ma kienx bdil fiċ-ċirkostanzi ta’ bejn il-partijiet, imma f’ċirkostanza ma’ terzi (d-Dipartiment tat-Taxxi Interni) li kien l-eżekutat innifsu li ġab b’idejh. Dan minbarra li l-eżekutat għandu ġid ieħor li minnu jista’ jissalda l-pretensjonijiet tal-imsemmi Dipartiment u li mh huwiex milqut bl-effetti tal-Mandat;

Rat in-Nota mressqa mill-eżekutat fis-6 ta’ April, 2006, bid-dokumenti mehmużin magħha;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-eżekutat u rat il-provi dokumentali mressqa matul l-għoti ta’ dik ix-xhieda;

Rat l-atti tar-Rikors u tal-mandat li għalih jirreferi;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta’ Ġunju, 2006, li bih ħalliet ir-rikors għall-provvediment kamerali;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija proċedura għat-tħassir ta’ Mandat kawtelatorju. Ir-rikorrent eżekutat irid li l-Qorti ssib li Mandat ta’ Inibizzjoni maħruġ kontrih minn martu l-eżekutanti jitħassar għal kollox għaliex m’huwiex raġonevoli li l-istess Mandat jinżamm aktar fis-seħħ. Irid ukoll li, f’każ li l-Qorti ma tilqax dik it-talba, l-eżekutanti martu tkun kundannata tħallas penali u tressaq garanzija kif mitlub mil-liġi, u jekk kemm-il darba tonqos, l-Qorti tiddikjara li l-Mandat jitħassar;

Illi l-intimata eżekutanti tilqa’ għal dawn it-talbiet billi tgħid li l-Mandat inħareġ sewwa u ma hemm l-ebda raġuni tajba fil-liġi għaliex il-Qorti għandha tilqa’ xi waħda mit-talbiet tal-

eżekutat. Iżżid tgħid ukoll li hija kellha kull jedd li toħroġ dak il-Mandat u oħrajn miegħu biex tkun tista' tħares il-jeddijiet tagħha fil-proċeduri li hija bdiet għall-firda personali minn ma' żewġha r-rikorrent;

Illi għal dak li huwa rilevanti dwar il-proċedura tal-lum, bħala fatti li joħorġu mill-atti jirriżulta li l-partijiet iżżewġu lil xulxin f'Awissu tal-1995 u minn dan iż-żwieġ twieled tifel li għadu taħt l-eta'. Il-partijiet għaddejjin minn proċeduri ta' firda personali[1], wara li kienu diġa' nfirdu minn ma' xulxin u għexu xi żmien għal rashom. Fit-30 ta' Novembru, 2005, l-eżekutanti talbet il-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni, liema talba ntlaqgħet provviżorjament dak inhar. Fl-20 ta' Diċembru, 2005, l-eżekutat ressaq it-Tweġiba tiegħu għat-talba ta' martu, u fiha talab ukoll it-tħassir tal-Mandat skond l-artikolu 836(1)(b)(d) u (f) tal-Kodiċi tal-Proċedura, il-kundanna tal-eżekutatni għall-ħlas tal-penali skond l-artikolu 836(8) tal-istess Kodiċi u l-għoti minnha ta' garanzija għall-finijiet tal-artikolu 838A. Wara smigħ li sar fl-10 ta' Jannar, 2006, il-Qorti laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat b'mod definittiv fil-11 ta' Jannar, 2006. L-eżekutat beda din il-proċedura fis-6 ta' April, 2006;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' dritt li jolqtu din il-kwestjoni f'dan il-każ jinqasmu fi tnejn. Fl-ewwel lok hemm dik dwar jekk il-Mandat għandux jitħassar jew le; fit-tieni lok, u b'mod sussidjarju, hemm it-talbiet għall-kundanna tal-intimata eżekutanti għall-ħlas tal-penali jew għall-għoti tal-garanzija, sakemm il-Mandat jibqa' fis-seħħ jew għat-tħassir tal-mandat jekk kemm-il darba dik il-penali ma titħallasx jew dik il-garanzija ma tingħatax fiż-żmien li tagħti l-Qorti;

[1] Rik. Nru. 112/06NC imressqa f'Marzu tal-2006

Illi **dwar it-talba għat-tħassir tal-Mandat**, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[2]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet, l-iżjed dwar il-konsistenza tal-ġid tal-komunjoni bejniethom, jew tal-għemejjel ta' kull waħda minnhom qabel ma nbdew dawk il-proċeduri. Dan għandu jitħalla għall-ġudizzju għaqli tal-Qorti li quddiemha sejjer jinfetaħ il-każ fil-mertu. Għalhekk, l-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[3];

Illi r-raġuni waħdanija li fuqha l-eżekutat jibni t-talba tiegħu għat-tħassir tal-Mandat hi li <u>fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli</u> [Art. 836(1)(f)]. Dwar din il-kawżali, ingħad li din id-dispożizzjoni timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[4]. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ;

Illi l-Qorti taqbel, kif sewwa tissottometti l-eżekutanti fit-Tweġiba tagħha, li l-bdil li għalih japplika dak is-subinċiż irid ikun wieħed li jolqot iċ-ċirkostanzi ta' bejn il-partijiet. Jekk isseħħ ċirkostanza bejn xi waħda mill-partijiet u terzi, l-effetti

[2] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***
[3] Kumm GMA **23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et vs Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)
[4] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et***

tal-Mandat m'għandhomx jolqtu lill-parti l-oħra, l-iżjed jekk din tkun il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-Mandat b'ħarsien ta' jedd pretiż. Fil-każ tal-lum, l-eżekutat jgħid li minn dak inhar li nħareġ il-Mandat, id-Dipartiment tat-Taxxi Interni ħareġ stimi ġodda ta' taxxa li huwa jrid iħallas u liema stimi jkopru ż-żmien meta hu u l-eżekutanti kienu għadhom jgħixu flimkien, u għalhekk jgħabbi lill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet. L-eżekutanti tgħid li dak il-kont inħareġ bi ħtija tal-eżekutat innifsu, għaliex tallega li għal bosta snin minn jeddu naqas li jiddikjara d-dħul veru tiegħu b'mod xieraq u saħansitra kien imaqdarha talli hija kienet tiddikjara d-dħul sħiħ tagħha;

Illi l-Qorti ssib li l-aggravju tal-eżekutat m'huwiex mistħoqq. Meta qieset id-dokumenti li huwa nnifsu ressaq biex jiġġustifika din il-bidla fiċ-ċirkostanzi, sabet li dawn huma biss formoli ta' dikjarazzjoni ta' *self assessment* li l-eżekutat innifsu mela f'Marzu tal-2006, jiġifieri wara li l-Mandat kien inħareġ, meta dawn kienu jirreferu għal snin ta' stima ta' snin qabel. Ma tressqet l-ebda kopja ta' xi kont maħruġ mid-Dipartiment jew mill-Kummissarju dwar dawk id-dikjarazzjonijiet;

Illi bil-ħniena għandu għalfejn jingħad li jekk, minħabba l-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju, il-parti intimata ġġarrab ħsara u dannu, il-liġi nnifisha tagħti lil dik il-parti l-jedd li tressaq 'il quddiem azzjoni għad-danni kontra dik il-parti li tkun ħarġet il-Mandat[5];

Illi, fuq dawn il-mottivi, il-Qorti qegħda għalhekk issib li r-rikorrent ma tahiex raġuni tajba biex tħassar il-Mandat in kwestjoni;

[5] Art. 836(9) tal-Kap 12

Illi **dwar it-talbiet l-oħrajn tar-rikorrent** għandu jingħad li r-rikorrent qiegħed jitlob l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet partikolari kontra l-intimata eżekutanti. Is-sanzjonijiet li r-rikorrent qiegħed jitlob huma dawk tal-kundanna għall-ħlas ta' penali, danni u mgħaxijiet u wkoll għall-għoti ta' garanzija biex tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-imsemmija penali, danni u mgħaxijiet;

Illi bil-liġi[6] l-ħlas tal-penali jista' jkun ordnat fil-każ fejn min talab il-ħruġ tal-Mandat ikun għamel hekk b'qerq. Iżda fejn mandat ikun inkiseb bla mistħoqq (inġustament), il-liġi tagħti wkoll lil dik il-persuna li kontra tagħha jkun inħareġ il-Mandat il-jedd li titlob il-kundanna għad-danni u l-imgħaxijiet mingħand min ikun ħareġ il-Mandat, b'żieda mal-penali[7];

Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[8]. F'dan il-każ, ir-rikorrenti qiegħed isejjes i-pretensjoni tiegħu fuq waħda minnhom, jiġifieri dik iċ-ċirkostanza maħsuba taħt l-artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12. Ir-rikorrent jorbot din il-kawżali mal-eżistenza ta' qerq fil-ħsieb tal-intimata eżekutanti meta talbet il-ħruġ tal-Mandat;

[6] Art. 836(8) tal-Kap 12
[7] Art. 865 tal-Kap 12
[8] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***

Illi biex jista' jingħad li Mandat inħareġ b'qerq irid ikun hemm ċirkostanzi serji u ċari li juru li min talab il-ħruġ ta' Mandat għamel dan meta kien jaf li Mandat bħal dak ma kellux għalfejn jintalab jew meta r-raġunijiet miġjuba biex joħroġ il-Mandat kienu fiergħa. Dawn ir-raġunijiet jgħoddu minn każ għal każ. Hekk, per eżempju, tqies li jkun hemm lok għall-penali jekk il-Mandat jinħareġ f'qorti li ma tkunx kompetenti tisma' l-kawża jew fejn il-kwestjoni ma tkunx taqa' fil-kompetenza tagħha[9];

Illi r-rikorrent ma jsemmi l-ebda waħda mill-erba' kawżali msemmija bħala r-raġuni li għaliha talab tali kundanna. Huwa jsemmi biss ċirkostanza (serja) fejn jallega li l-eżekutanti kienet b'ħażen u qerq dawret fuq isimha fondi li kien hemm f'xi depożiti bankarji. Din ix-xilja ma tirriżultax mill-atti. Mill-provi dokumentali[10] u x-xhieda[11], jidher li l-eżekutanti kienet qiegħda tmexxi kontijiet jew faċilitajiet bankarji intestati f'isimha biss. L-operazzjonijiet li saru ma kinux, mad-daqqa t'għajn, xi atti li juru l-qerq: kienu operazzjonijiet li kull min igawdi minn kont bankarju jista' jagħmel bla xkiel ta' xejn. Jidher li biex l-allegazzjoni tal-eżekutat tkun pruvata kif imiss, irid isir stħarriġ aktar bir-reqqa li jmiss il-mertu tal-allegazzjoni u li jmur lil hinn mill-kompitu ta' din il-Qorti f'dan l-istadju ta' proċedura;

Illi minħabba f'hekk il-Qorti tasal għall-fehma li minn dan li jidher mill-atti ebda element ta' qerq ma joħroġ mill-fatt li l-intimata talbet il-ħruġ tal-Mandat fuq l-ammont fih imsemmi;

[9] Kumm. **4.3.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Castorina vs Turco*** (Kollez. Vol: **XXXIII.iii.499**)
[10] Dokti "AGA" sa "AGF", f'paġġ. 37 sa 59 tal-atti
[11] Xhieda ta' Audrey Ghigo 21.6.2006, f'paġġ. 77 sa 81 tal-atti

Illi għalhekk il-Qorti ma ssibx li hija mistħoqqa t-talba tar-rikorrent għall-impożizzjoni ta' penali fuq l-intimata eżekutanti;

Illi jifdal li tiġi mistħarrġa l-kwestjoni tal-għoti tal-garanzija mill-intimata eżekutanti. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent jgħid li qiegħed jitlob li l-Qorti tapplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 838A tal-Kodiċi Proċedurali;

Illi hawnhekk irid jingħad li l-Qorti tfisser l-applikazzjoni tal-artikolu partikolari tal-liġi bħala wieħed alternattiv għat-talba għat-tħassir tal-Mandat. Kemm hu hekk, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu tal-liġi dwar l-għoti ta' garanzija min-naħa tal-eżekutant huma mqegħda f'artikolu differenti minn dak li jitkellem dwar it-tħassir tal-Mandat. Il-Qorti hija tal-fehma, għalhekk, li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ[12];

Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "raġuni tajba" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "raġuni tajba" għall-finijiet ta' dan l-artikolu[13]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni;

[12] Ara P.A. RCP **30.5.2002** fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd.***
[13] Ara P.A. TM **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju[14], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet tajba biex toħroġ Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, għaldaqstant ma jitnisslux raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta' penali u lanqas għad-danni[15] minħabba l-istess Mandat;

Illi għalhekk ladarba mill-kunsiderazzjonijiet li saru aktar qabel f'din id-deċiżjoni ma joħroġx li hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex il-Qorti tieħu kontra l-intimta eżekutanti l-miżuri msemmijin fl-artikolu 836(8), ma jirriżultawx il-kundizzjonijiet li bihom din il-Qorti tista' allura tilqa' t-talba tar-rikorrent taħt l-artikolu 838A tal-istess Kodiċi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrent billi:

**Tiċħad it-talbiet** tiegħu billi ma humiex mistħoqqa fil-liġi u mill-fatti, bl-**ispejjeż ta' din il-proċedura** jitħallsu mill-istess rikorrent;

---

[14] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***

[15] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***

**Tawtorizza** lir-rikorrent biex **jirtira mill-atti** d-dokumenti klassifikati li huwa ressaq *animo ritirandi* flimkien man-Nota separata tiegħu tas-6 ta' April, 2006[16].

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[16] Paġġ. 7 sa 17 tal-atti